
1642



# Pietru Chetcuti "tal-Ittri"

Monica Chetcuti



Pietru Chetcuti twieled Ħ'Attard fis-6 ta' Jannar tal-1881 minn Pawlu u Anna nèe Borg. Pietru jiġi n-nannu tiegħi. Lin-nannu Pietru gawdejtu biss ħames snin għax dak iż-żmien missieri Ġanni kien għadu joqgħod id-dar bil-familja man-nannu.

Huwa kien miżżewweġ lil Marjanna Borg mill-familja ta' Stringi u kellhom sitt itfal, li minnhom baqgħu ħajjin ħamsa. Pietru kien pustier, u għalhekk kien jsibuh bħala Pietru tal-Ittri, però qatt ma ħadem f'Ħ'Attard. Fi żmien l-Ewwel Gwerra Dinjija bħal ħafna rġiel kien suldat, u għad għandi rikordju ta' dan kaxxa tar-ram li r-Reġina kienet bagħtet lil kull suldat fil-Milied tal-1915. Probabbli kienet mimlija bit-tabakk.

Pietru kien iħobb ħafna l-mużika, tant li kien idoqq il-pjanu, vjolin, kitarra u mandolina. Lil missieri Ġanni għallmu l-kitarra, li għadha għandi flimkien mal-vjolin. M'għandix informazzjoni fejn mar jistudja dan kollu, jew jekk kienx imur għand xi surmast. Li naf żgur huwa li kien idoqq mal-Kappella ta' Nani u wara ma' dik ta' Diacono flimkien ma' ibnu Ġużeppi. Kien ukoll jgħallem lit-tfal tal-familja DePiro.

Kellu naqra ta' villeġġjatura ħdejn il-veċċa f'San Pawl il-Baħar. Ftit 'il bogħod kien hemm post li kienu jiltaqgħu fih xi nies tal-inħawi fl-għaxijiet u hemm inħolqot orkestrina biex iferrħu lin-nies waqt li kienu fejn il-baħar. Fost dawn il-mużiċisti kien hemm Dun Karm Psaila, il-poeta Nazzjonali, li kien idoqq il-mandolina.

F'Ħ'Attard kien idoqq fl-orkestrina tal-Każin tas-Sej fejn kien membru. Hemmhekk kienu jagħmlu s-serati tat-teatrin flimkien mal-orkestrina fuq il-bejt. Naf fiż-żgur għax anke missieri kien jieħu sehem fid-drammi li kienu jsiru.

Bħala passatemp kien iħobb isewwi l-arloġġi fejn anke kellu bħala klijent lill-Markiż de Conti Manduca. Fil-Knisja kien jieħu ħsieb l-arloġġ ta' Mikelanġ Sapiano u kien ukoll jieħu ħsieb idoqq l-orgni u kien jieħu ħsiebu daqslikieku kien tiegħu.

Kien dilettant ukoll tat-teatru, tant li kellu abbonament għall-palkett fit-Teatru Rjal.

Meta faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija Pietru reġa' ħareġ għax-xogħol bil-posta fl-Imġarr. Din id-darba, fejn qabel kienu biż-żwiemel, issa il-posta beda jqassamha bil-mutur. Fil-posta kien hemm ritratt fejn jidher ma' numru ta' pustiera oħra rekbin il-muturi. Kien l-ewwel grupp li qatt kellu mutur. Ta' dan ix-xogħol ingħata l-midalja tar-Re Ġorġ ta' *Member of the British Empire*.

Huwa miet nhar is-6 ta' Diċembru 1958 fl-età ta' 77 sena. Lejliet li miet kien għadu jipprattika l-mużika u niftakarni nisimgħu jdoqq il-'Brindisi' ta' 'La Traviata' dik il-ġurnata ta' qabel.